MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 27 ta' Lulju, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 792/2020/1 LM

**Polidano Brothers Limited (C 8884)**
**Sambro Service Station Ltd (C 40449)**

***vs.***

**Gozo Channel (Operations) Limited (C 76704)**
**Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjetajiet rikorrenti **Polidano Brothers Limited** (C 8884) u **Sambro Service Station Ltd** (C 40449) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fis-26 ta' Ġunju, 2020, li jgħid:

*"Jingħad bil-qima u jiġi ikkonfermat bil-ġurament:- Paul Polidano [232165M)*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu l-intimati milli jiftħu l-offerti magħmula fl-isfond tat-*tender "Tender for the supply and delivery of lubricant oil for Gozo Channel (Operations) Limited vessels' main engines" *(GCOL T 07/2020) ("it-*tender*") u/jew jkomplu u/jew jagħlqu u/jew jikkonkludu l-istess proċeduri dwar it-*tender *u/jew jikkonkludi ftehim jew kuntratt b'liema l-intimati jkunu obbligaw ruħhom lu jixtru żejt* (lubricant oil) *minn terzi skont l-istess* tender *u dan qabel ma tezawrixxi l-istocks li l-esponenti kien ġab fuq talba tal-istess intimati.*

*Illi l-esponenti lura fis-sena 2014 kienet daħlet f'kuntratt* framework *(CT2232/2014) tramite* tender *b'liema l-esponenti kellha tissuplixxi lill-intimati b'*lubricant oil *skont il-bżonn tal-istess, u liema kuntratt kien ġie estiż sa l-ahhar tas-sena 2017.*

*Illi l-kuntratt kien jaħdem billi s-soċjetà intimata tagħmel ordni għal* drums *taż-żejt bil-quddiem li imbagħad jinġabru skont il-bżonnijiet tagħha, iżda kien assigurat li d-*drums *kollha li jiġu ordnati kienu eventwalment jinġabru. Iżda ġara li kif jidher mid-dokument hawn anness s-socjetà intimata naqset li tiġbor 126* drum*.*

*Illi minkejja li hija ordnat dawn id-drums ta' żejt, hija qed tirrifjuta li tiġbor l-istess u tħallas il-valur tagħhom minkejja mitluba tagħmel dan diversi drabi;*

*Illi dawn id-*drums *għadhom sal-ġurnata tal-llum fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti, liema ma għandha l-ebda użu alternattiv għalihom;*

*Illi l-intimati issa ħarġu* tender *ieħor għax-xiri taż-żejt, liema* tender *ser jikkostrinġi lill-intimati sabiex jakkwistaw iż-żejt biss mill-persuna li tirbaħ it-*tender*;*

*Illi għaldaqstant jekk jingħata dan it-*tender *lil terzi, is-soċjetà rikorrenti ser isofri preġudizzju irrimedjabbali b'dana illi ser ikun impossibbli għaliha li tissppulixxi dawn id-*drums *taż-żejt lis-soċjetà intimata u għalhekk titħallas, u mill-banda l-oħra l-intimati ma humiex ser tkun tista' taċċetta id-*drums *taż-żejt stante it-*tender*;*

*Illi għalhekk id-dannu soffert mir-rikorrenti ser ikun wieħed permanenti u rrimedjabbli u għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' dan il-mandat provizzorjament."*

Rat illi s-soċjetà intimata **Gozo Channel (Operations) Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") ġiet debitament notifikata bir-Rikors fit-30 ta' Ġunju, 2020, filwaqt li l-intimat id-Dipartiment tal-Kuntratti baqa' ma ġiex notifikat, b'dana li permezz ta' nota tad-9 ta' Lulju, 2020, ir-rikorrenti

ddikjaraw li huma kienu qegħdin iċedu l-atti tal-mandat fil-konfront tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2020, fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tal-intimata ppreżentata fit-2 ta' Lulju, 2020, li tgħid kif ġej:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors tal-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ntavolat mir-rikorrenti et u dan skont id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' Ġunju 2020.*
2. *Illi, preliminarjament, dan ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huwa irritu u null stante li r-rimedju appożitu sabiex parti interessata tattakka* procurement procedure *huwa r-rikors li jsir quddiem il-Bord għar-Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi qabel l-għeluq tas-sejħa għas-sottomissjoni tal-offerti skont r-Regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) li għandu l-effett li jissospendi l-effett ta' kwalunkwe* procurement procedure *sakemm il-vertenza tinqata'.*
3. *Illi, preliminarjament ukoll, dan ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huwa irritu u null stante li l-kompetenza* ratio materia *għall-vertenzi relatati ma'* procurement procedures *viġenti huwa l-Bord għar-Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi, kif spjegat fil-premessa preċedenti, u mhux din l-Onorabbli Qorti - dan anke minħabba li l-istess Bord għandu l-poter li joħroġ mandat ta' inibizzjoni kawtelatorji jekk mitlub:*

   Il-Bord ikollu s-setgħat kollha li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
4. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà rikorrenti Polidano Brothers Limited ma għandha l-ebda interess ġuridiku f'din il-vertenza stante li kwalunkwe ftehim iffirmat li qed issemmi* ex admissis *l-istess soċjetà rikorrenti jgħajjat lis-soċjetà rikorrenti l-oħra Sambro Service Station Limited.*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu, is-soċjetajiet rikorrenti jridu juru lil din l-Onorabbli Qorti x'inhi l-ħtieġa attwali għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni speċjalment minħabba li dan huwa t-tieni* procurement procedure *li ħarġet is-soċjetà intimata minn mindu skada il-kuntratt pubbliku mas-soċjetà rikorrenti Sambro. Illi ssir referenza għall-* Framework Contract for the Supply and Delivery of Lubricant Oil for Gozo Channel (Operations) Limited Vessels Main Engines *b'numru ta' referenza CT2258/2018 u li kien maħruġ fil-21 ta' Diċembru 2018 (ara Dokument GCOL1), u ċioé wara li l-kuntratt pubbliku mas-soċjetà rikorrenti Sambro skada. Dan it-*tender *ġie eventwalment aġġudikat favur soċjetà terza u ċioé Lubritech (ara Dokument GCOL2).*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu, fi kwalunkwe każ is-soċjetajiet rikorrenti jridu jindikaw bil-preċiż x'inhu d-dritt* prima facie *li fuqu qed jippretendu li dan il-mandat odjern għandu jintlaqa' definittivament stante li:*

   *a. Il-ftehim pubbliku in kwistjoni, anke kif estiż bil-kunsens reċiproku tal-partijiet, issa skada - u dan kif anke ammess mill-istess rikorrenti et fir-rikors tagħhom;*
   *b. Il-kwantitajiet tal-prodott in kwistjoni skont il-ftehim pubbliku, kif ukoll kif ġie estiż, diġà ġew mixtrija u għalhekk il-ftehim pubbliku ġie eżawrit fit-totalità tiegħu.*

7. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu, is-soċjetajiet rikorrenti et iridu wkoll juru kif it-tkomplija tal-*procurement procedure *b'referenza GCOL/T/07/2020 (ara Dokument GCOL3) ser jippreġudika l-pretensjoni allegata tas-soċjetajiet rikorrenti u dan stante li jekk il-pretensjoni tas-soċjetajiet rikorrenti tinstab li hija minna - xi ħaġa li hija kkuntestata bis-saħħa mis-soċjetà intimata Gozo Channel - l-aġġudikazzjoni tal-*procurement procedure *b'referenza GCOL/T/07/2020 ma għandux jaffettwa bl-ebda mod dik il-pretensjoni. Dan anke stante li l-kwantitajiet ordnati skont l-istess* procurement procedure *b'referenza GCOL/T/07/2020 huma biss* estimated quantities *u għalhekk is-soċjetà intimata Gozo Channel mhux marbuta li tixtrihom kollha.*

   *Fi kwalunkwe każ kif ġja intqal jekk l-esponenti tibqa' għaddejja bil-proċess ta' akkwist is-sitwazzjoni wara l-għoti ta' tali kuntratt sejra tkun eżattament kif inhi llum. Forsi l-fornitur tal-lum jinbidel imma s-sitwazzjoni tibqa' identika għal dik odjerna u kwindi jisfuġġi lill-intimata Gozo Channel l-utilità u l-ħtieġa*

*ta' mandat ta' inibizzjoni li huwa fih innifsu rimedju straordinarju intiż f'ċirkostanzi speċifiċi fejn l-azzjoni li tkun qed tipprova tiġi inibita sejra tbiddel is-sitwazzjoni ġuridika viġenti u tikkawża ksur ta' drittijiet li jirriżultaw fuq bażi prima facie.*

8. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu, is-soċjetajiet rikorrenti ma hu ser isofru l-ebda preġudizzju irrimedjabbli mit-tkomplija tal-*procurement procedure *in kwistjoni u dan stante li skont ġurisprudenza nostrana kostanti, u ċertament tapplika fil-każ odjern, il-pretensjoni tas-soċjetajiet rikorrenti se mai tagħti lok għar-rimedju tad-danni u mhux li jitwaqqaf kwalunkwe process ta' akkwist mis-soċjetà intimata Gozo Channel.*

9. *Illi, wara investigazzjoni dettaljata li saret in* buona fede *mis-soċjetà intimata Gozo Channel wara li din il-pretensjoni saret għall-ewwel darba 9 xhur ilu, jidher biċ-ċar li l-ammont ta' kwantità ta' prodott mertu tal-ftehim pubbliku ġie mixtri fit-totalità tiegħu u l-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti Sambro hija frivola u vessatorja għaliex* inter alia*:*

   a. *L-ammont ta' prodott li allegatament ma nxtarax mis-soċjetà intimata Gozo Channel nbidel mill-istess soċjetà rikorrenti Sambro varji drabi matul dan ix-xhur;*
   b. *L-kwantità żejda tal-prodott ġie ordnat mis-soċjetà rikorrenti Sambro, minn jeddha, jeċċedi l-ammont ta' kwantità li essenzjalment kien awtorizzat u ordnat skont il-ftehim pubbliku;*
   c. *Din il-pretensjoni hija biss attentat sabiex jittieħed vantaġġ minn entità Statali u sabiex it-telf riżultanti min-negliġenza tas-soċjetà rikorrenti jsofrih l-iStat minflok is-soċjetà rikorrenti Sambro.*

10. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

12. *Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-mandat odjern, ir-rikorrenti qegħdin jittentaw li jżommu lis-soċjetà intimata milli tiftaħ l-offerti magħmula minn terzi sussegwenti għall-ħruġ ta' *tender "Tender for the supply and delivery of lubricant oil for Gozo Channel (Operations) Limited vessels' main engines"* (GCOL T 07/2020) (minn issa 'l quddiem "it-*tender*") għax-xiri ta' żejt għall-użu mill-bastimenti tas-soċjetà intimata u/jew tkompli u/jew tagħlaq u/jew tikkonkludi dawk il-proċeduri u/jew tikkonkludi ftehim jew kuntratt, fejn tobbliga ruħha li tixtri ż-żejt mingħand terzi u dan qabel tixtri u tieħu mingħand ir-rikorrenti iż-żejt li huma kienu ġabu fuq talba tagħhom stess. Jispjegaw li fis-sena 2014 waħda mir-rikorrenti kienet daħlet f'kuntratt sussegwenti għall-ħruġ ta' *tender* fejn obbligat ruħha li tissupplixxi lis-soċjetà intimata biż-żejt inkwistjoni skont il-bżonn, liema kuntratt kien ġie estiż sal-aħħar tas-sena 2017. Skont il-ftehim ta' bejniethom, is-soċjetà intimata kienet tordna ż-żejt bil-quddiem skont l-eżiġenzi tagħha, iżda hija kienet naqset milli tiġbor 126 *drum* għalkemm kienet assigurat li kull *drum* ordnat jinġabar. Dan l-aħħar s-soċjetà intimata kienet ħarġet *tender* ieħor għax-xiri taż-żejt fejn hija kienet ser tintrabat li tixtri ż-żejt mill-persuna li kienet ser tirbaħ it-*tender*. B'hekk ir-rikorrenti kienu ser isofru

preġudizzju irrimedjabbli stante li ma kienx ser ikun possibbli li huma jissupplixxu l-imsemmija *drums* taż-żejt lis-soċjetà intimata u jitħallsu tagħhom, u lanqas ma kienet ser tkun f'pożizzjoni s-soċjeta intimata li taċċetta d-*drums* taż-żejt mingħandhom.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata fir-risposta tagħha tissottometti preliminarjament, li t-talba tar-rikorrenti hija waħda irrita u nulla għaliex ir-rimedju sabiex jiġi attakkat *procurement procedure* huwa permezz ta' rikors li għandu jsir quddiem il-Bord għar-Reviżjoni tal-Kuntratti Pubblici skont ir-Regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) fejn jiġi sospiż l-effett ta' dik il-proċedura sakemm tinqata' l-vertenza. Dan ukoll għaliex l-imsemmi Bord għandu l-kompetenza *ratio materiae* li jittratta vertenzi relatati ma' *procurement procedures* viġenti, kif ukoll il-poter li joħroġ mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. B'mod preliminari wkoll, is-soċjetà intimata tissottometti li s-soċjetà rikorrenti Polidano Brothers Limited et m'għandha l-ebda interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni, peress li kwalunkwe ftehim kien sar mas-soċjetà rikorrenti l-oħra Sambro Service Station Limited (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti Sambro"). Fil-mertu, is-soċjetà intimata tirrileva li r-rikorrenti għandhom juru lil din il-Qorti x'kienet il-ħtieġa attwali għall-ħrug tal-mandat u wkoll id-dritt *prima facie* pretiż, peress li l-ftehim għalkemm estiż bil-kunsens reċiproku tagħhom, issa kien skada u l-kwantità taż-żejt skont dak il-ftehim, kif estiż, kienet intxtrat kollha. Huma għandhom ukoll juru lil din il-Qorti kif il-*procurement procedure* jekk titkompla kienet ser tippreġudika l-allegata pretensjoni tagħhom. Tissottometti ukoll li wara kollox l-kwantitajiet ordnati skont it-*tender* huma biss *estimated*

*quantities* u l-intimata ma kinitx ser tkun marbuta li tixtrihom. L-istess kien ukoll il-ftehim mal-fornitur preżenti u għalhekk ma kienet tirriżulta l-ebda utilità u ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Tgħid li dan huwa rimedju straordinarju intiż sabiex iwaqqaf sitwazzjoni ġuridika viġenti li kienet ser tinbidel u b'hekk tikkawża ksur ta' drittijiet *prima facie.* Tkompli billi tissottometti li fil-każ odjern il-ġurisprudenza tagħna kienet turi li l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet tagħti lok għal azzjoni ta' danni, iżda mhux li jitwaqqaf il-proċess ta' akkwist min-naħa tas-soċjetà intimata. Fl-aħħar nett is-soċjetà intimata tirrileva li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda frivola u vessatorja għal diversi raġunijiet, fosthom għaliex l-ammont ta' prodott li allegatament ma nxtarax mis-soċjetà intimata nbidel mill-istess soċjetà rikorrenti Sambro Service Station Ltd varji drabi matul dawn ix-xhur, il-kwantità żejda ordnata mis-soċjetà rikorrenti Sambro Service Station Ltd kienet teċċedi dik awtorizzata u ordnata skont il-ftehim, u dik is-soċjetà rikorrenti kienet qiegħda tittenta titfa' t-telf tagħha fuq l-Istat, meta dan kien riżultat tan-negliġenza tagħha stess.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors tagħha l-intimata ppreżentat kopja tal-*Framework Contract for the Supply and Delivery of Lubricant Oil for Gozo Channel (Operations) Limited Vessels Main Engines* li nħareġ fil-21 ta' Diċembru, 2018[1], kopja tal-*contract award notice* tal-11 ta' Settembru, 2019[2], u kopja tat-

[1] Dok. GCOL1, *a fol.* 10.
[2] Dok. GC0L2, *a fol.* 34.

*tender* inkwistjoni *Tender for the Supply and Delivery of Lubricant Oil for Gozo Channel (Operations) Limited Vessels' Main Engines.*[3]

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2020, xehed Chris Zahra[4], prodott mir-rikorrenti, fejn spjega li huwa jaħdem bħala *procurement officer* mas-soċjetà rikorrenti Polidano Brothers Ltd. Qal li bħala medja s-soċjetà intimata kienet tordna 31.5 *drum* taż-żejt kull xahar, iżda fis-7 ta' Marzu, 2019, huwa kien irċieva *email* mingħand John Muscat min-naħa tas-soċjetà intimata, fejn saret talba ta' 50 *drum* għax-xahar sussegwenti ta' April. Imbagħad fil-5 ta' April, 2019, intalbet li ssir ordni oħra ta' 155 *drum,* iżda l-intimata ħadet biss 39 minnhom f'dak l-istess xahar. Fix-xhur sussegwenti ta' Mejju, Ġunju u Lulju, ix-xhud spjega li l-intimata ħadet mingħandhom b'kollox 116 *drum*, b'dana li għandhom illum kien għad baqa' 124 *drum*. In kontroeżami x-xhud ikkonferma li l-kuntratt oriġinali kien sar mas-soċjetà rikorrenti Sambro fis-sena 2014 u li skada fit-13 ta' Novembru, 2017, b'dana li baqa' jiġi estiż diversi drabi permezz ta' *addendum* iffirmat kull darba miż-żewġ partijiet. Ikkonferma li wara l-ordni ta' 155 *drum,* is-soċjetà rikorrenti Sambro kienet minn jeddha xtrat iż-żejt sabiex ma tinqabadx mingħajru jekk ikollha talba għalih mis-soċjetà intimata, u b'hekk tassigura li ma jiqafx l-operat tas-soċjetà intimata. Ikkonferma li huwa kien jaf li f'xi żmien kienet saret sejħa għal *tender* ieħor, b'dana li sa fejn kien jaf hu s-soċjetà rikorrenti Sambro dejjem ippartеċipat. Huwa ppreżenta kopja ta' żewġ *emails*[5] fejn John Muscat għan-nom tas-

[3] Dok. GCOL3 *a fol.* 39 tal-proċess.
[4] A fol. 61 tal-proċess.
[5] Dok. CZ1 u Dok. CZ2 a fol. 72 u 73 tal-proċess.

soċjetà intimata għamel l-ordnijiet taż-żejt, u esebixxa wkoll informazzjoni dwar ix-xiri tal-kwantità taż-żejt li nxtara bejn Novembru 2015 u Lulju 2019.[6]

Waqt l-istess udjenza xehed **Paul Polidano**[7], direttur tas-soċjetà rikorrenti Sambro, prodott mir-rikorrenti. Spjega li darba minnhom kien bagħat għalih John Muscat mis-soċjetà intimata fejn wissih sabiex ma jwaqqaflux l-operat tal-kumpannija u wiegħdu li anki jekk is-soċjetà rikorrenti Sambro ma tkunx rebbieħa tat-*tender* li kienet ser toħroġ, iż-żejt li laħaq ġie ordnat mingħandha kien ser jinxtara u jiġi akkwistat bl-istess prezz li kienet ħadet it-*tender* tagħha.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Jacqueline Mizzi**[8] li taħdem fil-kariga ta' *financial controller* mas-soċjetà intimata, prodotta mill-istess. Ikkonfermat li ż-żejt kollu li kienet ordnat mis-soċjetà intimata permezz ta' *purchase order,* kien fil-fatt inxtara. Spjegat li t-*tender* inkwistjoni kienet inħarġet f'Mejju tas-sena 2020, iżda sadanittant is-soċjetà intimata kienet għadha qiegħda tixtri ż-żejt mingħand is-soċjet Lubritech Ltd għaliex il-kuntratt ta' din is-soċjetà ma kienx għadu skada. Spjegat ukoll li John Muscat kien inkarigat mill-*Administration* u *Procurement* iżda ma kellu l-ebda awtorità jixtri u jordna.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

[6] Dok. CZ3 a fol. 74 tal-proċess.
[7] A fol. 76 tal-proċess.
[8] A fol. 83 tal-proċess.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[9]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ ta' mandate ta' inibizzjoni huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[10]:

> "... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

[9] Ara f'dan is-sens Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u 40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 02.11.2010.
[10] P.A., 13.05.2014.

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċesita rimedju adegwabbli. F'deċiżjonijiet oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe***[11] tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[12]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[13] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandate ta' inibizzjoni, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba

---

[11] Rikors Numru 3135/94.

[12] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

[13] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat ta' inibizzjoni jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[14]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[15]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ya' inibizzjoni huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.[16]

Kwantu għar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, qabel xejn din il-Qorti ser tindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari li saret mis-soċjetà intimata fejn

---

[14] P.A., 25.01.2005.

[15] Ara sentenza fl-ismijiet Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti, P.A., 18.07.2008.

[16] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

qegħda ssostni li fil-każ odjern is-soċjetà rikorrenti Sambro kellha rimedju appożitu kif kontemplat mir-Regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03). Il-Qorti tqis li dan ir-Regolament ma japplikax għall-każ odjern għaliex ir-rimedju huwa mogħti biss lill-parteċipanti fit-*tender* u offerenti, filwaqt li ma rriżultax b'mod inekwivoku li s-soċjetà rikorrenti qegħda tipparteċipa fil-proċess tat-*tender* soġġett tal-mandat odjern.

Barra minn hekk fil-każ in eżami, din il-Qorti ssib li mhux sodisfatt l-ewwel rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat, li jitlob li għandu jirriżulta li r-rikorrenti jgawdu minn xi jedd. Iżda qabel xejn għandu jingħad li ma jidhirx, kif tissottometti s-soċjetà intimata, li s-soċjetà rikorrenti Polidano Brothers Limited għandha xi interess ġuridiku fil-vertenza odjerna. Dan jirriżulta ampjament mix-xhieda ta' Chris Zahra, prodott mir-rikorrenti stess, fejn filwaqt li x-xhud jgħid li huwa impjegat ta' dik is-soċjetà rikorrenti, jiddikjara li l-kuntratt għall-kunsinna u bejgħ taż-żejt kien sar mas-soċjetà rikorrenti Sambro. Kien għalhekk tosserva l-Qorti li fiż-żewġ *emails* li bagħat John Muscat għan-nom tas-soċjetà intimata fis-7 ta' Marzu, 2019, u fil-5 ta' April, 2019, hemm indikata 'Sambro' bħala r-reċipjent tagħhom, filwaqt li mix-xhieda tad-direttur ta' dik is-soċjetà rikorrenti Sambro, ma jidhirx li s-soċjetà rikorrenti l-oħra kienet involuta fil-konsenja u l-bejgħ taż-żejt lis-soċjetà intimata.

Għal dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti Sambro, jingħad li fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni din tinsisti li ż-żejt li ma nxtarax mingħandha kienet ġabitu fuq it-talba tas-soċjetà intimata stess. Għalhekk is-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi li qabel is-soċjetà intimata tobbliga

ruħha lejn terzi għax-xiri ta' aktar żejt, hija għandha teżawrixxi ż-żejt ordnat permezz tagħha u miżmum għandha.

Jirriżulta lil din il-Qorti mix-xhieda ta' Chris Zahra li din il-konsenja ta' żejt inkwistjoni kienet ġiet ordnata mis-soċjetà rikorrenti Sambro minn jeddha wara li kienet irċeviet u pproċessat rikjesta oħra sabiex issir ordni għal 155 *drum.* Dan sar sabiex tevita li tinqabad mingħajr żejt, bil-konsegwenza li jieqaf l-operat tas-soċjetà intimata, li min-naħa tagħha dejjem għamlitha ċara li konsegwenza bħal din kellha tiġi evitata. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà rikorrenti Sambro kienet inqabdet b'124 *drum*.

Kif sewwa sostniet is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha, is-soċjetà rikorrenti Sambro kellha turi x'inhu d-dritt *prima facie* li qiegħda tippretendi li għandha, iżda l-Qorti tikkunsidra li dan naqset milli tagħmlu. Il-Qorti tosserva li mhux biss ma jirriżulta l-ebda ftehim bejn il-partijiet li fuqu tista' tistrieħ is-soċjetà rikorrenti Sambro għall-pretensjonijiet vantati minnha, iżda wkoll saħansitra lanqas ma tirriżulta talba mis-soċjetà intimata għal ordni ulterjuri għall-provvista ta' żejt fl-ammont indikat fix-xhieda tad-direttur tagħha Paul Polidano u dik ta' Chris Zahra, *procurement officer* tagħha. Hawnhekk il-Qorti tosserva li saħansitra jirriżulta minn Dok. CZ3 li s-soċjetà intimata kienet eżawriet l-ordnijiet tagħha kollha u ma kien hemm l-ebda *drum* ordnat u mhux mixtri mis-soċjetà intimata wara l-ordni ta' 155 *drum* li saret fit-3 ta' Marzu, 2019.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2020, sa fejn kienet laqgħet ir-Rikors b'mod provviżorju, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fis-27 ta' Lulju, 2020.